



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12636/23

LIMITE

CORLX 844  
CFSP/PESC 1204  
RELEX 1003  
COEST 495  
FIN 894

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplementa r-Regolament (UE) 2023/1214 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...**

**ta'...**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1214  
li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi  
fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1214 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(33) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 159I, 23.6.2023, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014<sup>1</sup>, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.
- (2) Fit-23 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/1214, li emenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 u introduċa miżuri restrittivi ulterjuri biex jiġu sospiżi l-attivitajiet tax-xandir fl-Unjoni, jew li huma diretti lejn l-Unjoni, ta' ċerti mezzi tal-media msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214. Skont l-Artikolu 1, il-punt (33), tar-Regolament (UE) 2023/1214, l-applikabbiltà ta' tali miżuri fir-rigward ta' wieħed jew diversi minn dawk il-mezzi tal-media hija soġġetta għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kunsill.
- (3) Wara li eżamina l-każijiet rispettivi, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

*Artikolu 1*

Il-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 2f tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2023 fir-rigward tal-entitajiet kollha msemmija fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2023/1214.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---